Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 7 ta' Marzu 2024**

**Kump. Nru. 480/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**Versus**

**Anwar Elnily**
**(0359800L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Anwar Elnily,** detentur tal-karta tal-identita' 0359800L.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Gunju 2023, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghodu (05:15), minn gewwa Sqaq Biccieni, Zabbar :

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' €350 kif ukoll mobile phone tal-ghamla iPhone bil-valur ta' circa €700 minn gewwa l-vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni JAE 138 ghad-detriment ta' Steven Vella, liema serq huwa aggravat bl-ammont kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess gurnata, u cioe' fis-26 ta' Gunju 2023 ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta' filghaxija (21:40) u kif ukoll nhar is-27 ta' Gunju 2023 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19:00), f'dawn il-Gzejjer :

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 381 J Farrugia, PC 925 M. Bruno, PC 1403 I. Scicluna u PS 1349 R. Agius, inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli :

3. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati – Magistrat (illum Imhallef) Dr. Doreen Clarke LL.D. fid-digriet taghha datat 2 ta' Marzu 2021 li bih tat il-helsien mill-arrest billi naqas, ghal kwantita' kbira ta' drabi, milli jiffirma gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u/jew ta' xhieda ohra li ser jixhdu fil-kawza.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar 2024 fejn il-*parte civile* nforma lil Qorti li rcieva l-pagament u thallas fl-intier tieghu u li m'ghadx ghandu interess fil-kawza odjerna stante li ssir obbligazzjoni in atti.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 31, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 280 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Anwar Elnily hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **erbgha u ghoxrin xahar (24) prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800.00) liema multa ghandha tithallas fl-intier taghha fi zmien sitt (6) xhur millum.**

Inoltre ai termini tal-**Artikolu 383** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat b'garanzija ta' elfejn Ewro (€2,000) ghal sena (1) mill-lum, u dan sabiex ma jdejjaqx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Steven Vella, PC 381 J Farrugia, PC 925 M Bruno, PC 1403 I Scicluna u PS 1349 R Agius.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**